DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tat-2 ta' Ġunju 2010

dwar ħatra ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja

(2010/306/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikoli 5 u 7 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u wara r-riżenja tas-Sur Christiaan TIMMERMANS, għandu jiġi maħtur Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-bqija tal-mandat tas-Sur Christiaan TIMMERMANS, jiġifieri sas-6 ta' Ottubru 2012.

(2) Il-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità tas-Sinjura Alexandra PRECHAL għall-qadi tad-dmirijiet ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sinjura Alexandra PRECHAL hija maħtura Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mill-10 ta' Ġunju 2010 sas-6 ta' Ottubru 2012.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2010.

Il-President

C. BASTARRECHE